MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 133/2000/1

**San Lawrenz Leisure Resort Limited**

**v.**

**Adam Jones u Spencer Seeley ezercitanti l-kummerc taht l-isem Jones & Seeley Interiors**

**Il-Qorti:**

**Referenza Kostituzzjonali**

Illi skont verbal tal-10 ta’ Jannar 2011 dan l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza fuq il-punt kostituzzjonali sollevat

mis-socjeta` appellanti San Lawrenz Leisure Resort Limited fil-paragrafu 12 tar-rikors tal-appell taghha.
Is-socjeta` appellanti f'dan il-paragrafu talbet sabiex din il-Qorti taghmel referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 talli gie negat lilha d-dritt ghal smiegh xieraq kif garantit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan stante li l-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12 in kwantu jiddisponi li fil-kaz ta' korp li jkollu personalita` guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja tal-iskrittura … fil-post tan-negozju tieghu … f'idejn impjegat ta' dak il-korp, tivvjola d-drittijiet ggarantiti bl-imsemmi Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-imsemmija Konvenzjoni.

Il-Qorti semghet lill-Avukat difensur tal-appellanti jittratta din it-talba li saret ghar-referenza kostituzzjonali.

L-appellati, ghalkemm debitament notifikati ma dehrux u lanqas ir-rapprezentant legali taghhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi skont l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, "Jekk f'xi proceduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija Artikoli 33 sa 45 (maghdudin), dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili <u>kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola **jew** vessatorja</u>; u dik il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-decizjoni."

Illi fir-rikors tal-appell tas-socjeta` appellanti, l-aggravju taghha huwa illi s-sentenza li taghha intalbet ir-ritrattazzjoni kienet giet miksuba bi ksur tal-jeddijiet taghha ghaliex ic-citazzjoni relattiva qatt ma waslet f'idejn

jew giet a konoxxenza tad-diretturi taghha u/jew tal-persuni awtorizzati sabiex jirraprezentawha fi proceduri gudizzjarji u ghalhekk skont is-socjeta` appellanti gie miksur il-principju baziku tal-*audi alteram partem*.

Is-socjeta` appellanti tkompli li, irrispettivament xi jghid l-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12 dwar notifika ta' kumpanija …. tali artikolu ma jista' qatt jiehu s-sopravvent fuq il-principju tal-*audi alteram partem* ghaliex altrimenti d-drittijiet tal-kumpanija involuta ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli jigi vvjolat (ara para. 11 tar-rikors tal-appell).

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-aggravju tas-socjeta` appellanti fir-rikors tal-appell taghha li fuqu din il-Qorti ghad trid tiddelibera u tiddeciedi, hu simili ghal lanjanza li fuqha ntalbet ir-referenza jekk mhux identiku. L-ilment hu dwar ksur tad-dritt ghall-smiegh xieraq (mhux minhabba zmien irragjonevoli) imma minhabba ksur tal-principju tal-*audi alteram partem*.

Illi dan il-principju hu wiehed basilari fid-dritt ta' procedura nostrali u li ilu zmien twil jigi applikat minn Qrati ordinari taghna hafna qabel ma gie introdott fil-Kostituzzjoni jew fil-Kap. 319. Hu principju elementari li l-kawzi jinqatghu billi l-Qorti tisma liz-zewg nahat qabel tiddeciedi. Jigi rilevat inoltre li mhux kull allegazzjoni ta' ksur tal-principju tal-*audi alteram partem* iwassal kull darba neccesarjament ghal ksur tal-Kostituzzjoni.

Kif gie deciz fil-kawza **Tabone v. Direttur tat-Telefgrafija et,**[1] f'kuntest simili izda mhux fuq ksur tal-istess dritt, "dan ma jfissirx li l-Qorti, meta tqis il-meritu tal-kawza tal-lum, ma ghandhiex tqis ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, bhalma tqis kull parti ohra relevanti ta' kull ligi fis-sehh f'Malta, jew li ma ghandhiex tinterpreta l-ligi ordinarja fid-dawl ta' dawk id-dispozizzjonijiet. Dan izda taghmlu f'din il-kawza bhal f'kull kawza ohra ghax hija Qorti ta' Malta u ghalhekk tqis il-ligijiet kollha ta' Malta li jolqtu l-kaz."

[1] Tabone Computer v. Direttur Telegrafija 66/99 App. 16 ta' April 2004.

Kif ga` nghad din il-Qorti ghad trid tezamina l-fatti kollha ta' dan il-kaz u l-ligi applikabbli biex tkun tista' tiddeciedi jekk is-sentenza li taghha ntalbet ir-ritrattazzjoni gietx miksuba bil-ksur tal-principju msemmi u jekk ghandux jintlaqa' l-appell fuq l-aggravju sollevat mis-socjeta` appellanti u b'hekk tinghata rimedju ordinarju qabel rimedji ohra. Fid-dawl tal-aggravju tas-socjeta` appellanti din il-Qorti ghad trid tezamina wkoll jekk l-*options* taht l-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12 li ezaminat u applikat l-ewwel Qorti gewx applikati korrettement ghall-fattispecie tal-kaz.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-kwistjoni sollevata mill-appellanti hija semplicement vessatorja u ghandha tigi rigettata.

Ghal kull *buon fini* qed jigi rilevat li skont il-gurisprudenza, ghalkemm mhux eskluz li jista jkun hemm kazijiet fejn il-frivolezza u/jew il-vessatorjeta` ta' kwistjoni jew ta' punt sollevat jista' jemergi mill-istess korp tal-att gudizzjarju promotorju, huwa ugwalment normali illi l-frivolezza u l-vessatorjeta` o meno temergi wara li l-punt sollevat jew il-kwistjoni sollevata kemm f'talba ta' riferenza kif ukoll f'rikors originali jigi dibattut (kif sar f'dan il-kaz). Jista' jinghad illi difficilment wiehed jista jeskludi xi tip ta' trattazzjoni fuq il-mertu jew fuq il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata qabel ma tkun tista tittiehed decizjoni fuq l-aspett l-iehor procedurali (ara **M. Azzopardi v. Registratur tal-Qorti** et Q.K. 17 ta' Jannar 1996).
Inghad ukoll fis-sentenza Q.K. **L. Grech v. L-Avukat Generali et** 16 ta' Mejju 2006 li dan ma jfissirx li Qorti, li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, jekk tkun tal-fehma li t-tqanqil tal-kwistjoni tkun semplicement frivola jew semplicement vessatorja m'ghandhiex taghti r-raguni jew ragunijiet, anke jekk fil-qosor, ghal dan; ifisser biss li meta tigi biex taghti dawn ir-ragunijiet m'ghandhiex tinvadi l-gurisdizzjoni tal-Prim'Awla.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad it-talba ghar-referenza kostituzzjonali bl-ispejjez kontra l-appellanti u tordna l-prosegwiment tal-appell.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------